III

(Atti preparatorji)

KUNSILL

POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 28/2008

adottata mill-Kunsill fit-18 ta' Novembru 2008

bil-għan li jadotta d-Direttiva 2008/.../KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' … li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 330 E/01)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Id-Direttiva 80/181/KE [3] teħtieġ lir-Renju Unit u l-Irlanda li jistabbilixxu data għat-tmiem ta' l-eżenzjonijiet, fejn għadhom qed jiġu applikati, fir-rigward ta' l-unitajiet ta' kejl magħrufa bħala "pinta" għall-ħalib fi fliexken li jistgħu jingħataw lura u birra u sidru mill-bittija, "mil" għas-sinjali tat-toroq u l-indikazzjonijiet tal-veloċità, u "troy ounce" għal transazzjonijiet fil-metalli prezzjuż. Madankollu, l-esperjenza wriet, fid-dawl tal-karattru lokali ta' dawk l-eżenzjonijiet u n-numru limitat ta' prodotti kkonċernati, iż-żamma ta' l-eżenzjonijiet ma tirriżultax f'ostaklu non-tariffarju għall-kummerċ u, bħala konsegwenza, m'għadx hemm il-ħtieġa li dawk l-eżenzjonijiet jintemmu.

(2) Huwa kunsiljabbli li jiġi ċċarat li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 80/181/KE huwa konsistenti ma' l-objettivi msemmija fl-Artikolu 95 tat-Trattat u li m'huwiex limitat għall-ebda qasam ta' azzjoni Komunitarju speċifiku.

(3) Id-Direttiva 80/181/KEE tawtorizza l-użu ta' indikazzjonijiet supplimentari flimkien ma' l-unitajiet legali stabbiliti fil-Kapitolu I ta' l-Anness ta' dik id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2009. Madankollu, sabiex jiġi evitat li jinħolqu l-ostakli għal impriżi Komunitarji li jesportaw għal ċerti pajjiżi terzi li jeħtieġu li l-prodotti jiġu mmarkati f'unitajiet oħrajn li mhumiex dawk stabbiliti fil-Kapitolu I, huwa kunsiljabbli li tinżamm l-awtorizzazzjoni sabiex jintużaw indikazzjonijiet supplimentari.

(4) Id-Direttiva 80/181/KEE tappoġġa l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern permezz tal-livell ta' armonizzazzjoni ta' unitajiet ta' kejl li hija tippreskrivi. F'dan il-kuntest, huwa xieraq li l-Kummissjoni timmonitorja l-iżviluppi tas-suq fir-rigward ta' dik id-Direttiva u l-implimentazzjoni tagħha, notevolment fir-rigward tal-possibbiltà ta' ostakli għall-funzjonament tas-suq intern u armonizzazzjoni oħra meħtieġa sabiex jinteġħlbu dawk l-ostakli.

(5) Huwa xieraqli l-Kummissjoni tkompli ssegwi bil-qawwa, fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħha ma' pajjiżi terzi inkluż il-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku, l-aċċettazzjoni, fis-swieq ta' pajjiżi terzi, ta' prodotti ttikettati biss b'unitajiet tas-Sistema Internazzjonali ta' Unitajiet (SI).

(6) L-indikazzjonijiet supplimentari jistgħu jippermettu wkoll l-introduzzjoni gradwali u bla xkiel ta' unitajiet metriċi ġodda li jistgħu jiġu żviluppati fil-livell internazzjonali.

---

[1] ĠU C 120, 16.5.2008, p. 14.

[2] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Novembru 2007 (ĠU C 297 E, 20.11.2008, p. 105), Pożizzjoni Konġunta tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2008 u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' … (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[3] ĠU L 39, 15.2.1980, p. 40.

(7) Fl-1995, il-Konferenza Ġenerali dwar l-Piżijiet u l-Kejl iddeċidiet li telimina l-klassi ta' unitajiet SI supplimentari bħala klassi separata fl-SI u tinterpreta l-unitajiet "radian" u "steradian" bħala unitajiet mingħajr dimensjoni derivati mill-SI, li l-ismijiet u s-simboli tagħhom jistgħu, iżda mhux bilfors, jintużaw f'espressjonijiet għal unitajiet oħrajn derivati mill-SI, skond il-konvenjenza.

(8) Fl-1999 il-Konferenza Ġenerali dwar l-Piżijiet u l-Kejl adottat, fil-qafas ta' l-SI, il-"katal", li s-simbolu tiegħu huwa l-"kat", bħala l-unità SI għal attività ta' kataliżi. Din l-unità SI ġdida armonizzata kienet intiża sabiex tiżgura indikazzjoni koerenti u uniformi ta' unitajiet ta' kejl fl-oqsma tal-mediċina u l-bijokimika u, sabiex bħala konsegwenza, telimina kwalunkwe riskju ta' miżinterpretazzjoni li jista' jirriżulta mill-użu ta' unitajiet li m'humiex armonizzati.

(9) Fl-2007, sabiex jiġi eliminat wieħed mis-sorsi prinċipali tal-varjabbiltà osservata bejn realizzazzjonijiet differenti tal-punt triplu ta' l-ilma, il-Konferenza Ġenerali dwar il-Piżijiet u l-Kejl adottat nota għad-definizzjoni tal-"kelvin". Il-"kelvin" hu definit bħala frazzjoni tat-temperatura termodinamika tal-punt triplu ta' l-ilma. In-nota tirriferi għall-ilma ta' kompożizzjoni isotopika speċifikata.

(10) Ladarba t-tomna m'għadhiex tintuża aktar għall-finijiet ta' reġistrazzjoni ta' l-art fir-Renju Unit u l-Irlanda, ma hemm l-ebda ħtieġa li tingħata eżenzjoni f'dak ir-rigward.

(11) Skond il-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar leġislazzjoni aħjar ([1]), l-Istati Membri huma mħeġġa sabiex ifasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom stess li juru, safejn hu possibbli, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni u sabiex jagħmluhom pubbliċi.

(12) Id-Direttiva 80/181/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi

Id-Direttiva 80/181/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) dawk elenkati fil-Kapitolu II ta' l-Anness f'dawk l-Istati Membri biss fejn kienu awtorizzati fil-21 ta' April 1973.";

(2) fl-Artikolu 2(a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) L-obbligi taħt l-Artikolu 1 jirrelataw ma' l-istrumenti użati ta' kejl, il-kejl li sar u indikazzjonijiet ta' kwantità espressi f'unitajiet tal-kejl.";

(3) fl-Artikolu 3(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-użu ta' indikazzjonijiet supplimentari għandu jkun awtorizzat.";

(4) għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 6b

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-iżviluppi tas-suq relatati ma' din id-Direttiva u l-implimentazzjoni tagħha fir-rigward tal-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u tal-kummerċ internazzjonali u għandha tippreżenta rapport dwar dawk l-iżviluppi, akkumpanjat minn proposti fejn ikun il-każ, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2019.";

(5) l-Anness għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-Kapitolu I, il-punt 1.1, il-paragrafu intitolat "Unità tat-temperatura termodinamika" għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Unità tat-temperatura termodinamika

Il-kelvin, unità tat-temperatura termodinamika, huwa l-frazzjoni 1/273,16 tat-temperatura termodinamika tal-punt triplu ta' l-ilma.

Din id-definizzjoni tirriferi għal ilma li għandu kompożizzjoni isotopika ddefinita minn proporzjonijiet ta' ammont ta' sustanza li ġejjin: 0,000 155 76 mole ta' ^{2}H kull mole ta' ^{1}H, 0,000 379 9 mole ta' ^{17}O kull mole ta' ^{16}O u 0,002 005 2 mole ta' ^{18}O kull mole ta' ^{16}O.

(It-Tlettax-il CGPM (1967), riżoluzzjoni 4 u t-Tlieta u għoxrin CGPM (2007), riżoluzzjoni 10)";

(b) fil-kapitolu I, il-punt 1.1.1, it-titolu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Isem speċjali jew simbolu ta' l-unità ta' temperatura dderivati mill-SI sabiex tkun espressa t-temperatura f'Celsius";

(c) fil-Kapitolu I, il-punt 1.2., it-titolu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1.2. Unitajiet derivati mis-SI";

(d) fil-Kapitolu I, il-punt 1.2.1 għandu jitħassar;

(e) fil-Kapitolu I, il-punti 1.2.2 u 1.2.3 għandhom jiġu sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1.2.2. Regola ġenerali għall-unitajiet derivati mis-SI

L-unitajiet imnisslin b'mod koerenti mill-unitajiet bażi SI huma mogħtijin bħala espressjonijiet alġebrajiċi fil-forma ta' prodotti ta' *powers* ta' l-unitajiet bażi SI b'fattur numeriku ugwali għal 1.

([1]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

1.2.3. Unitajiet SI imnisslin li għandhom ismijiet u simboli speċjali

Kwantità	Unità		Espressjoni	
	Isem	Simbolu	F'termini ta' unitajiet SI oħra	F'termini ta' unitajiet SI bażi
Angolu pjan	radian	rad		$m \cdot m^{-1}$
Angolu solidu	steradian	sr		$m^2 \cdot m^{-2}$
Frekwenza	hertz	Hz		s^{-1}
Forza	newton	N		$m \cdot kg \cdot s^{-2}$
Pressjoni, *stress*	pascal	Pa	$N \cdot m^{-2}$	$m^{-1} \cdot kg \cdot s^{-2}$
Enerġija, *work*; kwantità ta' sħana	joule	J	$N \cdot m$	$m^2 \cdot kg \cdot s^{-2}$
Saħħa (1), fluss radjanti	watt	W	$J \cdot s^{-1}$	$m^2 \cdot kg \cdot s^{-3}$
Kwantità ta' elettriku, karg ta' elettriku	coulomb	C		$s \cdot A$
Potenzjal ta' l-elettriku, differenza fil-potenzjal, forza elettromotiva	volt	V	$W \cdot A^{-1}$	$m^2 \cdot kg \cdot s^{-3} \cdot A^{-1}$
Resistenza ta' l-elettriku	ohm	Ω	$V \cdot A^{-1}$	$m^2 \cdot kg \cdot s^{-3} \cdot A^{-2}$
Konduttività	siemens	S	$A \cdot V^{-1}$	$m^{-2} \cdot kg^{-1} \cdot s^3 \cdot A^2$
Kapaċitanza	farad	F	$C \cdot V^{-1}$	$m^{-2} \cdot kg^{-1} \cdot s^4 \cdot A^2$
Fluss manjetiku	weber	Wb	$V \cdot s$	$m^2 \cdot kg \cdot s^{-2} \cdot A^{-1}$
Densità tal-fluss manjetiku	tesla	T	$Wb \cdot m^{-2}$	$kg \cdot s^{-2} \cdot A^{-1}$
Inductance	henry	H	$Wb \cdot A^{-1}$	$m^2 \cdot kg \cdot s^{-2} \cdot A^{-2}$
Fluss luminuż	lumen	lm	$cd \cdot sr$	cd
Illuminanza	lux	lx	$lm \cdot m^{-2}$	$m^{-2} \cdot cd$
Attività (ta' *radionuclide*)	becquerel	Bq		s^{-1}
Doża assorbita, enerġija speċifika trasferita, kerma, indiċi tad-doża assorbita	gray	Gy	$J \cdot kg^{-1}$	$m^2 \cdot s^{-2}$
Doża ekwivalenti	sievert	Sv	$J \cdot kg^{-1}$	$m^2 \cdot s^{-2}$
Attività katalittika	katal	kat		$mol \cdot s^{-1}$

(1) Ismijiet speċjali għal unità ta' *power*; l-isem volt-ampere (simbolu 'VA') meta użat sabiex ifisser s-saħħa apparenti ta' kurrent ta' l-elettriku li jalterna, u var (simbolu 'var') meta huwa użat sabiex ifisser is-saħħa elettrika reattiva. Il-'var' mhuwiex inkluż fir-riżoluzzjonijiet tal-CPGM.

Unitajiet imnisslin mill-unitajiet SI bażi jistgħu jiġu espressi f'termini ta' unitajiet elenkati fil-Kapitolu I.

B'mod partikolari, l-unitajiet SI imnisslin jistgħu jiġu espressi permezz ta' ismijiet u simboli speċjali mogħtija fit-tabella ta' hawn fuq; per eżempju l-unità SI tal-viskożità dinamika tista' tiġi espressa bħala $m^{-1} \cdot kg \cdot s^{-1}$ jew $N \cdot s \cdot m^{-2}$ jew $Pa \cdot s$.";

(f) fil-Kapitolu II, għandha titħassar il-linja, li ġejja, mit-tabella:

"Reġistrazzjoni ta' l-art	tomna	1 ac = 4 047 m^2	ac"

(g) fil-Kapitolu II, l-aħħar sentenza għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: "L-unitajiet elenkati f'dan il-Kapitolu jistgħu jiġu kkombinati ma' xulxin jew ma' dawk fil-Kapitolu I sabiex jiffurmaw unitajiet komposti.".

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jaddottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-1 ta' Jannar 2010.

Meta l-Istati Membri jadottawhom, dawk il-miżuri għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, …

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
…	…

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

I. **DAĦLA**

1. Fl-10 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl.

2. Fis-26 ta' Settembru 2007, il-Kunsill iddeċieda li jikkonsulta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali li ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Diċembru 2007.

3. Il-Parlament Ewropew ivvota l-Opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fid-29 ta' Novembru 2007. L-Opinjoni tal-Parlament ma fiha l-ebda emenda għall-proposta tal-Kummissjoni.

4. Fil-15 ta' Lulju 2008, il-Kunsill laħaq qbil politiku bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' pożizzjoni komuni skont l-Artikolu 251 tat-Trattat.

5. Fit-18 ta' Novembru 2008, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu dwar il-proposta kif imniżżla fid-dokument 11915/08.

II. **OBJETTIVI**

6. L-objettivi ġenerali tal-proposta tal-Kummissjoni huma l-aġġornament tad-Direttiva 80/181/KEE sabiex:

   — jiġu inklużi l-protezzjoni tal-konsumatur u l-ambjent fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha,

   — tiġi inkluża bħala unità legali, unità ġdida fis-Sistema Internazzjonali ta' Unitajiet (SI) ([1]),

   — jiġi permess l-użu indefinit ta' indikazzjonijiet supplimentari,

   — jitneħħa r-rekwiżit fuq ir-Renju Unit u l-Irlanda li jintemmu l-eżenzjonijiet lokali limitati għall-pinta, il-mil u t-troy ounce fejn dawn għadhom jintużaw.

III. **POŻIZZJONI KOMUNI**

Ġenerali

7. Il-Kunsill, li jaqbel mal-objettivi tal-proposta, madankollu stinka biex itejjeb xi wħud mid-dispożizzjonijiet u sabiex iżid aktar dispożizzjonijiet, speċjalment sabiex jirrifletti fil-liġi Komunitarja xi tibdil addizzjonali għas-Sistema SI u sabiex jipprovdi għal rapport tal-Kummissjoni dwar l-iżviluppi fir-rigward tad-Direttiva 80/181/KEE, b'mod partikolari fir-rigward tal-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u l-kummerċ internazzjonali.

Funzjonament bla xkiel tas-Suq Intern u l-aċċettazzjoni internazzjonali tal-Unitajiet SI

8. Id-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KE ġiet riveduta kull għaxar snin fir-rigward tal-eżenzjonijiet lokali u l-użu ta' indikazzjonijiet supplimentari. Il-Kunsill jaqbel dwar l-intenzjoni wara l-proposta, li hija li tiżdied iċ-ċertezza legali billi jitneħħa l-limitu ta' żmien għall-eżenzjonijiet mill-prinċipju ġenerali li l-unitajiet SI għandhom jintużaw bl-aktar firxa possibbli. Madankollu l-Kunsill iqis li huwa importanti li jiġu segwiti mill-qrib l-effetti tad-Direttiva dwar l-unitajiet ta' kejl fuq il-funzjonament bla xkiel tas-Suq Intern u l-kummerċ estern. Għal dan il-għan, huwa żied Artikolu 6b ġdid li jipprevedi għal rapport tal-Kummissjoni dwar dawn l-effetti 10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva ta' emendar.

9. Sabiex jispjega d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 6b u sabiex jirrifletti l-importanza tal-monitoraġġ tal-Kummissjoni tal-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, il-Kunsill żied Premessa (4) ġdida. Il-Kunsill xtaq ukoll jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li tiżdied l-aċċettazzjoni fis-swieq ta' pajjiżi terzi ta' prodotti b'tikketti ta' unitajiet SI biss, u għal dan il-għan żied il-Premessa (5).

([1]) SI tfisser "Système International d'unité de mesure". Hija bbażata fuq il-Konvenzjoni ta' Pariġi mill-1875 u aġġornata regolarment mill-"Conférence générale des poids et mesures" (CGPM). L-unitajiet l-aktar magħrufin tas-sistema SI huma l-metru, il-kilogramm u s-sekonda.

Żviluppi fis-sistema SI

10. Il-Kunsill jaqbel mal-objettiv tal-Kummissjoni li tintroduċi fil-liġi Komunitarja l-unità SI ġdida "katal". Madankollu huwa jixtieq ukoll li jirrifletti żviluppi oħrajn fis-sistema SI fil-liġi Komunitarja. Għalhekk id-definizzjoni tal-"kelvin" stabbilita fil-Kapitolu I, punt 1.1 tal-Anness għad-direttiva hija aġġornata biex tirrifletti r-riżoluzzjoni Nru 10 tat-Tlieta u għoxrin Konferenza Ġenerali dwar il-Piżijiet u l-Kejl (CGPM 2007). Barra minn hekk, il-Punti 1.2.1 u 1.2.3 tal-Kapitolu I fl-Anness huma emendati biex jirriflettu d-deċiżjoni tas-CGPM tal-1995 li l-unitajiet "radian" u "steradian" isiru unitajiet mingħajr dimensjoni.

11. It-tibdil għall-Anness huwa rifless fil-Premessi l-ġodda (7) u (9).

Tibdil ieħor għall-proposta tal-Kummissjoni

12. Il-Kunsill għamel xi tibdil żgħir għall-Premessi (3) u (6) sabiex jirriflettu l-ħsieb wara t-tibdil l-ieħor tal-proposta. Huwa allinja wkoll l-Artikolu 2 mat-test miftiehem għal ħafna atti simili, u bħala konsegwenza, żied il-Premessa (11). Finalment, xi tibdil purament tekniku li jirriżulta mit-tibdil deskritt fil-Punt 10, ġie introdott fil-Anness.

IV. **KONKLUŻJONI**

13. Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill għandha l-istess objettivi ġenerali bħall-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva ta' emendar. L-intenzjoni wara t-tibdil introdott hija l-kontribut għall-għanijiet ġenerali tad-Direttiva 80/181/KEE dwar l-unitajiet ta' kejl. Il-Kummissjoni indikat, fl-istess żmien li l-Kunsill laħaq qbil politiku, aċċettazzjoni ġenerali tat-tibdil tal-Kunsill għall-proposta.